Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 46/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 21 ta' Mejju 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Skużat
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Assenti
Sur Ray Azzopardi	Kunsillier	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Skużat
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

46. 1 Ittri ta' Apoloġija

46.1.1 Il-President semma s-Sur Wayne Aquilina u s-Sur Jorge Grech talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impennji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw sabiex ikunu skużati mil-laqgħa għandhom jitniżlu bħala skużati. Filwaqt li s-Sur Joseph Abela Galea ma kienx innotifika li ma jistax jattendi.

46.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.45

46.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 45 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

46.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 40

46.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Nigel Holland u s-Sur Clayton Portelli Cascun ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-25 ta' Marzu 2025 u l-21 ta' Mejju 2025 li kienet tammonta għall-€314,601.17.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

46.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 45

46.4.1 Belt Kapitali Ewropea 2031	Il-President fakkar li hemm laqgħa fid-9 ta' Mejju 2025 fil-preżenza tas-Sur Rupert Cefai u s-Sur Joe Mizzi sabiex jingħata rendikont tax-xogħol li qed issir rigward il-Bid Book.
46.4.2 Immaniġjar tal-Iskart	Il-President semma li r-Reġjuni issa kienu rċievew SOP ta' kif Reġjun jista' jimmulta kuntratturi li għandhom kuntratti ffirmati mad-Dipartiment tal-Kuntratti. Semma li kienet saret ukoll talba għall-estensjoni tal-kuntratt ta' ġbir ta' skart kummerċjali riċiklabbli.
46.4.3 LESA Enforcement Scheme	Il-President semma li fadal €24,000 f' dan il-fond u li l-Kunsilli kellhom jużawhom sa l-aħħar ta' Mejju 2025. Huwa fakkar lill-Kunsilli sabiex japplikaw.
46.4.4 Kooperattivi	Il-President semma li li hemm laqgħa skeda mas-Sur John Mallia sabiex jitkomplew id-diskussjonijiet

46.5 Komunikazzjoni mill-President

46.5.1 Proġetti Ewropej	Il-President semma li l-applikazzjonijiet għall-proġetti li kienu ġew diskussi fil-laqgħa preċidenti kienu ġew sottomessi.
46.5.2 Intervisti għall-Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura	Il-President semma li l-intervsiti huma skedata għal-nhar 29 t' April 2025.
46.5.3 Artiġjana u PGIS project	Il-President semma li nhar 16 ta' Mejju ser ikun hemm l-iffirmar tal-ftehim fuq il-proġett PGIS flimkien mal-kumplament tar-reġjuni kif ukoll il-Kunsill Malti għall-Arti.
46.5.4 European Network of Holy Week and Easter Celebrations	Il-President semma li kienet ser tintbgħat ċirkulari sabiex tkun mimlija mill-Kunsilli Lokali rispettivi sabiex ir-Reġjun ikun f' pożizzjoni li jissottometti l-applikazzjoni sabiex jissieħeb f' dan in-network.
46.5.5 Kunsill Reġjonali ta' Tfal	Il-President semma li kienet saret l-ewwel laqgħa u kienet laqgħa prduttiva ħafna.
46.5.6 Binja Reġjun Port	Il-President semma li minn informazzjoni mhux formali li waslet għandu jidher li l-Affordable Housing m' għadhomx interessati li jagħtu l-ispazju lir-Reġjun dan anki wara li kien hemm diversi laqgħat kif ukoll ir-Reġjun kien ħejja flimkien mal-Periti tagħhom il-pjanti.

46.5.7 Tribunal Lokali	Il-President semma li għaddejjin diskussjonijiet sabiex it-Tribunal jitlaq mir-responsabbilita' tar-Reġjuni u jgħaddu għand Aġenzija.
46.5.8 Sekwestru mill-ex Segretarju Eżekuttiv	Il-President semma li l-fondi li kienu ġew sekwestrati fuq każ li kinet fetħet kontra r-Reġjun l-eks Segretarju Eżekuttiv, minkejja li l-qorti suppost kellha tgħaddijhom lir-Reġjun, dawn għadhom ma waslux. Semma li ser tkun qed tintbgħat komunikazzjoni lill-avukat li kien qal li min-naħa tiegħu għadda kollox. Ser tkun qed terġa' tintbgħat notifika lill-avukat u filkas jekk sal-laqgħa li jmiss ma jkunx hemm risposta jitqbbad avukat ieħor.
46.5.9 Enemalta	Il-President semma li l-kuntratturi kienu waqqgħu l-każ PCRB li kien hemm kontra l-Enemalta u r-reġjuni minħabba l-PSO. Semma li issa jistennew li l-Enemalta tibda timplimenta dak li hemm fil-PSO.
46.5.10 Ħaddiema RSSL	Il-President flimkien mas-Sindki iddeċiedew fejn ser ikunu assenjati l-ħaddiema matul ix-xhur li ġejjien.
46.5.11 Pjazza Birgu	Is-Sindku tal-Birgu xtaq jirrimarka li minkejja li jiskuża ruħu mas-Sindki sħabu li ma kienux mistiedna għall-ftuħ uffiċjali tal-Pjazza tal-Birgu, il-Kunsill ma kellu xejn x' jaqsam mal-istedien li ħarġu peress li dawn saru min-naħa tal-MTA. Minkejja dan kien intalab mis-Sur Boxall li l-President tar-Reġjun kif ukoll is-Sindki għandhom ikunu mistiedna. Semma li l-President tar-Reġjun kien mistieden u attenda filwaqt li l-MTA xtaqet taqta' linja fejn tidħol l-istedina għall-kumplament tas-Sindki minħabba n-numru limitat ta' stediniet li kienu diġa ħarġu.

46.7 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2025.

46.7.1 Il-President flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw ir-Rapport Finanzjarju għall-ewwel Kwart tas-Sena 2025.

46.7.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Clayton Portelli Cascun, il-Kumitat approva r-Rapport kif preżentat.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

46.8 Aġġornament

46.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-19:15, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw għall-nhar l-Erbgħa, 28 ta' Mejju 2025 fit-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Port

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv